MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 4/2011/1

**Saadia Chabab**

**v.**

**Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates**

## Preliminari

**1.** Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn sentenza moghtija fit-12 ta’ April 2013 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

**2.** Fit-talbiet taghha r-rikorrenti talbet:
"… … li jigi dikjarat li l-agir ta' l-intimati, jew min minnhom, huwa leziv tad-Drittijiet taghha Kostituzzjonali u Fundamentali kif sanciti fl-artikli 32 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artiklu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Qed titlob ukoll li tigi mhassra u tigi revokata l-ordni ta' deportazzjoni mahruga fil-konfront tar-rikorrenti u li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex jigu preservati u salva gwardati d-drittijiet inerenti u findamentali taghha."

**3.** Rat ir-rikors tal-appell li permezz tieghu r-rikorrenti qed titlob li, ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess rikors, din il-Qorti thassar l-imsemmija sentenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

**4.** Rat ir-risposta tal-intimati fejn, ghall-istess ragunijiet hemm indikati, talbu li l-appell tar-rikorrenti jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**<u>Il-Fatti</u>**

**5.** Dawn huma sufficjentement elenkati fis-sentenza appellata li, fil-parti relevanti, taqra hekk:

"Ir-rikorrenti qiegħda tagħmel din il-kawża kostituzzjonali peress illi skondha l-aġir tal-Pulizija u tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs meta nħarġet ordni tad-deportazzjoni kontra tagħha dan kien leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħha kif garantiti mill-artikoli 32 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ovvjament l-intimati jeccpixxu li ma sar ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

"Ir-rikorrenti hi Marokkina "di nascita" u ghalhekk hi konsidrata mill-Awtoritajiet bhala "a third Country National." Jirrizulta li r-rikorrenti giet hawn Malta fl-2002 għal btala u meta kienet hawn iltaqgħet ma' certu Mario Farrugia u in effett wara ftit zmien huma zżewwġu. Minhabba dan iz-zwieg, ir-rikorrenti kisbet l-istatus ta'

“exempt person” skond l-artikolu 4(1)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta. Peress illi r-rikorrenti zzewget cittadin malti, precizament fil-25 ta’ Mejju 2002, ngħatat dak li jissejjah il-“freedom of movement.” Jirrizulta ukoll li sussegwentament, fl-24 ta’ Marzu 2008, ir-rikorrenti ngħatat “residence permit” li kien validu sat-22 ta’ Ottubru 2012.

“Fit-8 ta’ Jannar 2009 il-Pulizija ċioe l-Ispettur Joseph Hersey, PC1610 Noel Buhagiar u PC 28 Kevin Bezzina ghamlu spezzjoni fid-dar ta’ Milouda Mangion, oħt ir-rikorrenti, sabiex jikkonfermaw jekk ir-rikorrenti kienetx verament qed tgħix ma’ żewġha jew le. Meta saret din l-ispezzjoni effettivament ir-rikorrenti kienet fir-residenza ta’ oħtha. Mit-tfittxija li saret mill-Pulizija rriżulta li l-affarijiet personali tar-rikorrenti kienu fil-kamra tas-sodda fl-imsemmija dar. Meta l-Pulizija kkomuikaw mar-raġel tar-rikorrenti, dan qalilhom li r-rikorrenti kienet ilha tliet ġimgħat li telqet mid-dar matrimonjali tagħhom u marret għand oħtha.

“Fis-27 ta’ Jannar 2009 ir-rikorrenti u r-raġel tagħha marru d-Dipartiment koncernat, cioe’ dak taċ-Ċittadinanza u l-Expatriates, sabiex ir-rikorrenti tapplika sabiex issir ċittadina Maltija u fil-5 ta’ Mejju 2009 il-Pulizija infurmaw lid-Direttur tal-imsemmi Dipartiment illi r-rikorrenti m’għadhiex tgħix ma’ żewġha, u ghalhekk il-Pulizija talbu li jiġi kkanċellat il-“freedom of movement” koncess lir-rikorrenti kif gia ntqal. Fl-20 ta’ Mejju 2009, il-Pulizija ġew awtorizzati li jikkanċellaw l-istess “freedom of movement.”

“Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti u l-imsemmi żewġha tkellmu mad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza, u qalulu li qed jerġgħu jgħixu flimkien. Konsegwentament, id-Direttur iddeċieda li l-“exempt person status” ma jitneħħix f’dak l-istadju u fis-6 ta’ Lulju 2009 l-imsemmi Direttur talab lill-Pulizija sabiex jerġgħu jagħmlu spezzjoni għall-għarrieda, sabiex jiġi stabbilit fejn qiegħda tgħix ir-rikorrenti.

“Fit-8 ta’ Marzu 2010 PC Kevin Bezzina mar id-dar tar-rikorrenti u żewġha iżda ma sab lil ħadd. Sussegwentament fis-16 ta’ Lulju 2010 il-Pulizija reġgħu

marru, u din id-darba fetħilhom l-imsemmi Mario Farrugia u fid-dar matrimonjali sabu affarijiet personali tal-istess Mario Farrugia biss u ma nstab xejn li seta kien tar-rikorrenti. Mario Farrugia informa lill-pulizija li r-rikorrenti ma kienetx għadha tgħix miegħu u kienet ilha li telqet mid-dar tliet xhur. Huwa fil-fatt iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.

"- - Omissis - -

"Lura ghall-fatti rilevanti jirrizzzulta ukoll li fis-27 ta' Lulju 2010, id-Direttur ġie nfurmat li r-rikorrenti u r-raġel tagħha Mario Farrugia m'għadhomx jgħixu flimkien. Fit-2 ta' Awwissu 2010 ir-rikorrenti ġiet infurmata minn WPS 32 Joyce Bonello li ġaladarba hija ma għadhiex tgħix mar-raġel tagħha, kien ser jitneħħa l-"freedom of movement" lilha gia koncess. Fit-18 t'Awissu 2010 id-Dipartiment in kwestjoni informa lir-rikorrenti illi hija m'ghadhiex tgawdi mid-dritt tal-"freedom of movement" u ghalhekk kellha sat-30 ta' Settembru 2010 sabiex titlaq minn Malta. Jirrizulta ukoll li fl-istess xahar tas-sena 2010 ir-rikorrenti talbet li jinhareg mill-Qorti kompetenti mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-intimati milli jiddeportawha lura l-Marokk. Sussegwentement ir-rikorrenti inizjat dawn il-proceduri kostituzzjonali u dan ukoll in vista li nhareg kontra taghha "removal order.""

## Is-Sentenza Appellata

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Fil-kawża odjerna r-rikorrenti mhux qed tikkontesta l-validità ta' xi liġi, iżda qed tallega ksur tad-drittijiet taghha Kostituzzjonali u Konvenzjonali kif sanciti fl-artikoli 32 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rikorrenti qed titlob ukoll li jigi mhassar u revokat l-ordni ta' deportazzjoni maħruġ kontra taghha.

**"Allegat ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

“Il-Qorti hi tal-opinjoni li r-rikorrenti ma tistax tinvoka li sofriet vjolazzjoni a bażi tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni. Dan l-artikolu 32 huwa sempliċiment daħla għal-lista ta’ Drittijiet Umani, kif elenkati fl-Kostituzzjoni u ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tinvokah kif qed tipprova tagħmel ir-rikorrenti. Il-kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(1) teskludi l-artikolu 32 meta tipprovdi ghall-possibilita ta’ allegazzjoni ta’ ksur ta’ drittijiet fondamentali a tenur biss tal-artikoli 33 sa’ 45 u kwindi l-artikolu 32 hu eskluz. Difatti l-Prim’Awla fis-sede tagha kostituzzjonali fit-13 ta' Gunju, 2011, fil-kawza bl-ismijiet “Ghasan Kaseb et pro et noe vs Il-Prim Ministru et” irriteniet li “l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta’ kull persuna li tallega l-ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonjiet ta’ l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li tiltob rimedju lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikou 32 mhux inkluz f’dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta’ l- ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat.” Kwindi t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta’ ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni timmerita li tiġi miċħuda.

**“Allegat ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u allegat ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta**

“Dawn l-artikoli jitkellmu mhux biss dwar piena inumana jew degradanti, izda ukoll dwar trattament inuman jew degradanti. Il-kawża odjerna tittratta biss dwar trattament inuman u degradanti u mhux minn piena. Fis-sentenza “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et” gie ritenut li l-kuncett ta’ trattament inuman jew degradanti m’ghandux jigi ekwiparat ghall-kuncett ta’ tortura. Hu minnu li dawn huma kuncetti relatati izda, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali, dawn iz-zewg kuncetti ghandhom jinzammu distinti (vide “Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar” tal-20 ta’ Lulju 1977). Fil-kawza fl-ismijiet “Antonio Pace vs Ministru tad-Djar u l-Artijiet et” deciza fis-17 ta’ Ottubru 1988, il-Qorti sostniet li jekk il-vittma jkun sofra “hardship” kbir allura jkun hemm vjolazzjoni tad-dritt fondamentali protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

“Biex jinsab li ikun hemm trattament inuman jeħtieġ li jkun hemm “severe suffering” kif ukoll ghandu jirrizulta li kien hemm “a minimum level of severity.” Dan l-eżami huwa wieħed relattiv u jiddependi ovvjament miċ-ċirkustanzi kollha partikolari tal-kaz. Fil-kawza “Maneh Essa et vs Kummissarju tal-Pulizija et” deciza fis-16 ta’ Diċembru 2009 ġie ritenut illi “t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna ‘intense physical and mental suffering’” Inoltre s-“suffering” jista’ jkun kemm mentali kif ukoll fisiku.

“L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni ġie interpretat hekk:- “inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering” (Vide Reid “a Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights” (2nd edition - 2004 page 522). Kwindi dan huwa il-grad ta’ sofferenza mentali jew fizika li twassal biex it-trattament jinghad li hu inuman. Ghar-rigward ta’ trattament degredanti, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet “Giuseppa Galea vs Segretarju tad-Djar” deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Lulju 1977, il-Qorti irreteniet hekk – “kwantu ghal trattament degradanti, dan, fl-aktar kliem semplici, hu trattament li gravament ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor. Dan il-kuncett ghadu forsi m’huwiex zvolt bizzejjed, imma l-Qorti tahseb li fih jidhol ukoll, apparti forsi elementi ohra, anki l-element tal-vjolazzjoni serja tad-dinjita’ umana tas-suggett.”

“Kwindi “trattament degradanti” jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volonta’ taghha. Fil-kaz “Ranninen vs Finland” deciza mill-Qorti Ewropea fis-16 ta’ Dicembru, 1997, intqal li:-“In considering whether a punishment or treatment is “degrading” within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3.”

“Ghalhekk sabiex jista jinghad li hemm ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, jehtieg li r-rikorrenti tipprova li hija soffriet tbatija ta’ ċertu severità u li tali tbatija teffettwa ukoll id-dinjità tagħha. Hawnhekk jiġi osservat li r-rikorrenti ma sofriet ebda trattament li jista jitqies li hu ta’ natura gravi jew ta’ ċertu piż u severità, li jammonta għal trattament inuman jew degradanti. It-trattament li minnu tilmenta r-rikorrenti huwa proprju d-“deportation order” maħruġa fil-konfront tagħha, liema “deportation order” inħarġet skond il-liġi u ċioe l-artikolu 5.2.g tal-Kap 217. L-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali joffru protezzjoni minn trattament li jikkawza tbatija fizika jew mentali, bil-ghan specifiku li jumilja u jiddegradaw lid-dinjita’ tal-persuna, trattament li ċertament ma jirriżultax fil-kawża odjerna. Kwindi, għal dawn ir-raġunijiet, ma jirriżulta ebda ksur tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**“Allegat ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

“Dan l-Artikolu jaqra hekk:-‘Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjetà demokratika fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.’

“In vista ta dawn id-disposizzjoiiet minn naħa waħda hemm id-dritt tar-rikorrenti li jkollha l-ħajja privata u familjari tagħha irrispettata mill-Istat u bla ebda indħil minn xi awtorità pubblika, ħlief fil-każijiet speċifikament imniżżla f’xi liġi. Fl-istess waqt, pero’, hemm id-dritt tal-Istat li skond il-liġi, jikkontrolla min jista’ jibqa’ fit-territorju tiegħu. L-Artikolu tal-Liġi rilevanti għal din il-kawza hu dak l-artikolu li ntuza mill-awtoritajiet pubbliċi fil-konfront tar-rikorrenti, meta gie revokat lir-rikorrenti r-‘residence permit’ tagħha u cioe’ l-artikolu 5(2)(g) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta’ Malta li

jipprovdi li l-imsemmi permess jista jigi revokat ‘jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti ta’ permess biex tinżel l-art jew biex tinżel l-art u tibqa’ f’Malta jew għall-estensjoni ta’ dak il-permess jew għall-għoti ta’ permess għal residenza ma tibqghux jeżistu.’ In effett huwa dan l-artikolu li jagħti lill-Istat is-setgħa li jikkontrolla min jista’ jkun fit-territorju tiegħu. Kien bis-saħħa ta’ dan l-artikolu tal-liġi illi l-awtoritajiet tal-Istat aġixxew bil-mod kif aġixxew mar-rikorrenti meta lil din tneħħielha l-‘freedom of movement’ u konsegwentament inħarġet l-ordni ta’ deportazzjoni fil-konfront tagħha.

“Minn spezzjonijiet li għamlu l-Pulizija f’okkazzjonijiet differenti, irriżultalhom illi r-raġunijiet għalfejn kien ingħata l-‘freedom of movement’ lir-rikorrenti kienu inbidlu. Minn fol 86 jirriżulta illi l-permess ingħata lir-rikorrent skond l-artikolu 4 (1)(g) tal-Kap 217 li jistipula ‘tkun il-konjuġi ta’ persuna msemmija f’wieħed mill-paragrafi ta’ qabel dan u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma’ dik il-persuna’ mentri lill-Pulizija kien jirriżultalhom illi din ir-raġuni ma baqgħetx teżisti proprju għaliex ir-rikorrenti ma baqgħetx tgħix ma’ żewġha. Hawnhekk irid jerġa jigi ribadit illi fil-kawża odjerna ir-rikorrenti mhux qed tatattaka l-validità tal-liġi li bis-sahha taghha ġie revokat l-imsemmi permess ta’ residenza tar-rikorrenti.

“Fir-rigward tad-dritt fundamentali invokat mir-rikorrenti u protett bl-artikolu 8 tal-Konvenjoni, il-Prim Awla (kompetenza Kostituzzjonali) fid-29 ta’ Novembru 2011, rikors nru 44/2009, fil-kawża bl-ismijiet ‘Concetta Schembri vs Direttur tad-Dipartiment of Citizenship and Expatriate Affairs et’ irreteniet ‘bħala punt ta’ prinċipju, din il-Qorti trid tgħid li d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari tal-individwu huwa sagrosant u ma għandux ikun soġġett għall-indħil mill-awtorità pubblika ħlief fil-każi kontemplati bl-artikolu 8 pero’, fl-istess ħin, minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea jirriżulta ukoll illi kull Stat għandu d-dritt illi jikkontrolla d-dħul fil-pajjiż, ir-residenza f’dak il-pajjiż u t-tkeċċija minn dak il-pajjiż ta’ nies li mhumiex ċittadini ta’ dak il-pajjiż.’ Hekk ġie ritenut ukoll mill-Qorti Ewropea fil-kawża ‘Moustaquim vs Belgium’ (1991) – ‘Minn qari tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jirriżulta

immedjatament illi d-dritt fundamentali protett hemmhekk huwa d-dritt għall-ħajja privata u l-ħajja familjari u dan id-dritt huwa protett minn indħil illegali minn awtorità pubblika tal-Istat.'

"Kwindi l-ewwel eżami li jrid isir huwa jekk fil-fatt u tabilħaqq kienx hemm ħajja familjari bejn ir-rikorrenti u żewġha. Dwar dan minn imkien mill-provi imressqa ma jirriżulta illi bejn ir-rikorrenti u żewġha kien hemm ħajja familjari. Anzi jirriżulta mill-provi illi r-rikorrenti u żewġha lanqas biss kienu qed jgħixu flimkien. Ir-rikorrenti tgħid illi l-hija iżżewwġet sempliċiment għax riedet ħajja miżewwġa u għal ebda mottiv ieħor. Hija tgħid illi pero' hija u żewġha kien ikollhom ħafna argumenti u meta dan kien jiġri hija kienet tmur għand oħtha. Da parti tagħhom, l-intimati jqajjmu l-punt illi r-rikorrenti u żewġha iżżewġġu biss wara li kienu ilhom jafu lil xulxin xahar kif ukoll illi minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx tfal. Madankollu hawnhekk irid jiġi osservat illi mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti b'kompetenza kostituzzjonali illi tara x'setgħet kienet ir-raġuni għalfejn ir-rikorrenti u żewġha iżewwġu. Lanqas ma huwa l-kompitu ta' din il-Qorti illi tara x'kienet tkun il-kawża tal-argumenti li kien ikun hemm bejn ir-rikorrenti u żewgha. L-uniku kompitu ta' din il-Qorti hija li tara jekk fil-ħruġ tal-ordni ta' deportazzjoni ikkontestata maħruġa fil-konfront tar-rikorrenti, l-Istat naqax jew le milli jirrispetta d-dritt għall-ħajja tal-familja u dik privata tar-rikorrenti.

"Jirriżulta mill-provi illi r-rikorrenti abbandunat id-dar matrimonjali. Instabu ħafna affarijiet personali tar-rikorrenti għand oħtha, filwaqt illi ma nstabu ebda affarijiet personali tar-rikorrenti fid-dar li suppost kienet id-dar matrimonjali fejn hija kienet suppost qed tgħix ma' żewġha. Dan ċertament huwa indikattiv tal-fatt illi r-rikorrenti kienet telqet mid-dar. Kwindi ġaladarba din kienet telqet mid-dar ir-rikorrenti u żewġha ma kellhomx ħajja privata u familjari.

"Irid jingħad ukoll illi fir-rigward ta' dak li jgħid Mario Farrugia, ir-raġel tar-rikorrenti, illi huwa ma jifhimx il-lingwa Ingliża u għalhekk ma kienx jaf x'qiegħed jiffirma meta iffirma d-dikjarazzjoni a fol 17 tal-proċess, liema dikjarazzjoni kienet bil-lingwa Ingliża, fejn huwa iffirma illi

martu r-rikorrenti u huwa kienu ilhom isseparati għal tliet xhur, jingħad illi ma tressqet ebda prova dwar dan il-fatt. In oltre jiġi osservat ukoll illi meta Mario Farrugia kien qiegħed jitkellem mal-Pulizija, huwa ammetta mal-Pulizija illi huwa kien isseparat minn martu għal tliet xhur, u dan id-diskors sar bil-malti (fol 70, fol 72/3 u fol 77). Dan ifisser li fir-rigward tar-rikorrenti jirrizulta li l-awtoritajiet aġixxew għaliex lilhom irriżultalhom illi dawk iċ-ċirkostanzi li taħthom ir-rikorrenti ngħatat il-permess biex tkun f'Malta ma baqgħux jeżistu. Kwindi l-Istat kien qiegħed, fis-setgħa li għandu u skond il-liġi, jikkontrolla l-immigrazzjoni tan-nies li mhumiex ċittadini tiegħu u li jkunu fit-territorju tiegħu.

"In oltre, jingħad ukoll illi, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-Istat ma ivvjolax id-dritt tar-rikorrent kif protett bl-artikolu 8. Jigi enfasizzat li l-ħajja privata jew ħajja familjari bejn ir-rikorrenti u żewġha ma ġietx ippruvata, għaliex x'ħajja privata u familjari jista' jkun hemm jekk hawn si tratta minn tnejn minn nies li qiegħdin jgħixu separatament.

"Hawnhekk tista ssir referenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' April 2012 fil-kawza fl-ismijiet "Siham Habbad et vs L-Onorevoli Prim Ministru et" fejn gie ritenut li d-dritt fundamentali protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jista' jigi lez jekk tigi ordnata t-tkeccija minn Malta u jekk l-awtoritajiet ma jkunux zammew bilanc gust bejn l-interess pubbliku li jhares il-kontroll effettiv tal-immigarazzjoni u d-dritt taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghal familja u hajja privata li r-rikorrenti tibqa hawn Malta. L-istess Qorti kompliet ssostni li l-mizura tat-tkeccija minn Malta tista la tkun necessarja f'socjeta` demokratika u lanqas proporzjonata ghall-imsemmi ghan legittimu li jrid jilhaq l-istat.

"In vista ta' din is-sentenza ghandu jigi esaminat jekk l-awtoritajiet zammewx bilanc gust bejn l-interess pubbliku cioe' li l-immigrazzjoni tkun ben kontrollata u d-dritt fondamentali tar-rikorrenti li hu protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u cioe' d-dritt ghal hajja familjari u hajja privata. Jekk tali bilanc gust ma jirrizultax il-konsegwenza

hi li r-rikorrenti jista jkollha d-dritt li tibqa tghix Malta. Ghandu ukoll jigi esaminat jekk it-tkeccija tar-rikorrenti minn Malta tirrizultax necessarja f’socjeta` demokratika u jekk l-istess tkeccija hix proporzjonata ghall-imsemmi ghan legittimu li jrid jilhaq l-istat.

“Ghalhekk anke f’kazijiet bhal dak in ezami hemm ukoll kwestjonijiet ta’ proporzjonalita’ li ghandhom jitqiesu meta jkun hemm allegazzjoni li gew lezi d-drittijiet fondamentali b’mod specjali fil kaz ta drittijiet protetti bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Irid ikun hemm “bilanc gust” fl-azzjoni li tkun ser tittiehed mill-Awtoritajiet kontra cittadin barrani u extra-komunitarju sabiex tigi kontrollata l-immigrazzjoni gewwa Malta u l-imsemmija drittijiet ta’ dik il-persuna kif protetti fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

“Fl-ewwel lok il-fatti ta’ dan il-kaz u dawk tal-kaz fejn inghatat is-sentenza imsemmija huma differenti in partikolari peress li fl-imsemmi kaz l-iehor ir-rikorrenti kellha tarrbija li ghal finijiet kollha tal-ligi kienet maltija, kienet bint cittadin malti u twieldet Malta ukoll. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax tali fatt u cioe’ ma jirrizultax li r-rikorrenti hi omm ta’ cittadini maltin. Inoltre ir-rikorrenti mhux kredibbli u lanqas ma huma kredibbli zewgha u ohtha. Il-raguni li r-rikorrenti tghati ghala telqet mid-dar matrimonjali mhux verosimili. Kwindi, in vista tac-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, ma hemmx dubju li l-Awtoritajiet kompetenti ghandhom id-dritt li jordnaw it-tkeccija minn Malta tar-rikorrenti. B’referenza ghal dak li ntqal, aktar il-fuq fil-presenti sentenza, dwar l-affermazzjoni jew dikjarazzjoni tar-ragel tar-rikorrenti fis-sens li r-rikorrenti kienet telqet mid-dar matrimonjali, jigi rilevat li d-difetti li setghu gew riskontrati fl-istess dikjarazzjoni zgur li ma jannullawx dak li ntqal dwar il-kredibilta’ tax-xhieda tar-rikorrenti kif ukoll dak li ntqal dwar il-verosimiljanza ta’ dak li qalet l-istess rikorrenti. Jista facilment jinghad li z-zwieg tar-rikorrenti hu wiehed ta’ konvenjenza u li effettivament ir-rikorrenti tippreferi li toqod id-dar ta’ ohtha milli tghix fid-dar matrimonjali ma zewgha. Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz jista jinghad li ma tirrizulta ebda leżjoni

tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu rigettati."

**L-Appell**

**7.** L-aggravji huma essenzjalment tlieta: [1] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta ddecidiet li ma kinitx tezisti hajja ta' familja bejn il-partijiet; [2] li l-mizura tar-*removal order* addotata fil-konfront tar-rikorrenti hija sproporzjonata; u [3] li din il-mizura tivvjola l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, inkwantu fic-cirkostanzi, tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

*L-ewwel aggravju*

**8.** Dan l-aggravju huwa mmirat lejn l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzjoni li, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma kinitx tezisti hajja ta' familja bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti ssemmi diversi ragunijiet ghaliex, fil-fehema taghha, din il-konkluzjoni hija zbaljata.

**9.** Tghid li huma kienu ilhom jghixu flimkien ghal certu tul ta' zmien; meta kienet tahdem, l-introjtu taghha kienet twarrbu ghall-bzonnijiet tal-familja; minkejja li ma kellhomx tfal kien hemm certu livell ta' *commitment* fil-konfront ta' xulxin u kienu jiehdu hsieb xulxin; u l-fatt li kienet marret tghix ghand ohtha Milouda Mangion ma jfissirx li ma kienx hemm *family life* bejn il-partijiet.

**10.** Inoltre, l-indhil da parti tal-Istat fil-hajja familjari taghha mhuwiex gustifikat u huwa spoporzjonat.

**11.** Mhuwiex gustifikat ghax ir-rikorrenti ma kinitx dipendenti fuq l-Istat, izda kienet tahdem; ma gietx misjuba hatja ta' xi reat f'dawn il-Gzejjer, u kienet tosserva l-ligijiet tal-pajjiz; kif ukoll integrat pjenament fis-socjeta` Maltija.

**12.** Huwa sproporzjonat ghax, meta harget ir-*removal order* fil-konfront taghha, hija kienet ilha legalment

mizzewwga mis-sena 2002 ma' ragel cittadin Malti; li kienet ilha separata *de facto* tliet xhur biss; li kienet tiehu hsieb id-dar taz-zwieg, u ta' zewgha li hu persuna b'dizabilita` u wkoll ghandu l-problema tax-xorb, u li dan ma jistax jinghata l-kura mehtiega jekk mhux f'Malta.

**13.** Tghid li l-oneru tal-prova li l-indhil tal-Istat fil-hajja familjari *taghha huwa wiehed gustifikat u jghaddi t-test tal-fair balance*, jirrisjedi fuq l-Istat.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

**14.** L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

"[1] Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispodenza tieghu.

"[2] Ma ghandux ikum hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li … … jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."

**15.** Fis-sentenza **Concetta Schembri v. Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates**, din il-Qorti elenkat id-diversi principji identifikati mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dik is-sentenza fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

"18. L-iStat għandu dritt jeżerċita kontroll fuq id-dħul fit-territorju tiegħu ta' persuni li ma humiex ċittadini tiegħu, u fuq id-dritt tagħhom ta' residenza fl-istess territorju[1]. Id-deċiżjonjiet tal-iStat f'dan il-qasam, iżda, ma humiex illimitati safejn jistgħu jinterferixxu ma' xi dritt imħares bil-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni peress li tali deċiżjonijiet iridu jkunu konformi mal-liġi u jkunu meħtieġa f'soċjeta` demokratika, u ċioe` ġustifikati b'xi esiġenza

[1] *Ara fost oħrajn ECHR* **Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK**, *28/5/1985, #67*

soċjali pressanti u proporzjonati mal-għan leġittimu persegwit[2]. Fejn ikun il-każ il-Qorti tkun trid teżamina jekk ir-rifjut tal-permess ta' residenza tal-applikant kienx iżomm il-bilanċ xieraq bejn l-interessi relevanti, u ċioe` id-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari tal-applikant fuq naħa u l-prevenzjoni ta' diżordni jew il-kommissjoni ta' delitti fuq loħra[3].

"19. L-Artikolu 8 jħares id-dritt għal rispett tal-ħajja familjari u b'hekk jippresupponi l-eżistenza ta' ħajja familjari. Ifisser xi jfisser il-kunċett ta' familja dan ġie ritenut li ċertament jinkludi dik ir-relazzjoni li titwieled minn żwieġ li jkun skont il-liġi u ġenwin u li normalment jikkomprendi l-ko-abitazzjoni[4]. ...... Fattur relevanti ieħor huwa jekk il-persuna tkunx ikkontrattat iż-żwieġ, anki jekk mhux wieħed manifestament ta' konvenjenza, meta kienet taf bil-prekarjeta` tas-sitwazzjoni mill-perspettiva ta' immigrazzjoni; f'dan il-każ ġie ritenut li x'aktarx ikun biss f'ċirkostanzi mill-aktar eċċezzjonali li t-tneħħija tan-nonċittadin tiġi ritenuta li tivvjola l-Artikolu 8[5]."

**16.** Dwar l-ezistenza o meno tal-*family life* kontemplata fl-Artikolu 8[1] tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropeja fil-kaz **Al-Nashif v. Bulgaria** l-Qorti Ewropeja[6] osservat hekk:

*"112. The existence or non-existence of "family life" is essentially a question of fact depending upon the reality in practice of close personal ties (see K. and T. v. Finland [GC], no. 25702/94, ECHR 2001-VII, § 150)……..*

*"Insofar as relations in a couple are concerned, "family life" encompasses families based on marriage and also de facto relationships. When deciding whether a relationship can be said to amount to "family life", a number of factors may be relevant, including whether the couple live together, the length of their relationship and whether they have demonstrated their commitment to each other by*

---

[2]ECHR **Dalia v. France**, 19/2/1998; #52; **Mehemi v. France**, 26/9/1997,#34***;* Boultif v. Switzerland**, 2/8/2001, #46
[3] *Każ **Boultif,** ibid, #47*
[4] *ECHR Każ Abdulaziz, ibid, #62; Berrehab v The Netherlands, 21/6/1988, #21*
[5] ECHR ***Dec.*** **Adm. Mitchell v. UK**, 24/11/1998; **Ajayi v. UK**, Dec. Adm. 22/6/1999
[6] Appl.50963/99, 20 Gunju 2002

*having children together or by any other means (see the Kroon and Others v. the Netherlands judgment of 27 October 1994, Series A no. 297-C, pp. 55-56, § 30, and the X, Y and Z v. the United Kingdom judgment of 22 April 1997, Reports 1997-II, § 36).”*

**17.** L-ewwel aggravju tar-rikorrent hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkonkludiet li ma kienx hemm *family life* fit-termini tal-Konvenzjoni peress li l-partijiet ma kienux qed jghixu flimkien. Dik il-Qorti spjegat: *“... ghaliex x’hajja privata u familjari jista’ jkun hemm jekk hawn si tratta minn tnejn minn nies li qeghdin jghixu separatament.”*[7]

**18.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti u l-apprezzament tal-fatti maghmul minnha, jekk mhux ghal ragunijiet gravi ta’ zball manifest li jista’ jwassal li xi parti ssofri ngustizzja. Dan ghaliex l-ewwel Qorti tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma’, tikkontrolla u tgharbel il-provi migjuba quddiemha.[8]

**19.** Fil-meritu l-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda tar-rikorrenti u ta’ zewgha Mario Farrugia, kif ukoll ta’ Milouda Mangion, u waslet ghall-konkluzjoni li ma taghtihomx affidament. L-istess Qorti osservat espressament li *“Inoltre, ir-rikorrenti [mhijex] kredibbli u lanqas ma huma kridibbli zewgha u ohtha. Ir-raguni li r-rikorrenti tghati ghala telqet mid-dar matrimonjali mhux verosimili.”*[9] Mill-provi akkwiziti, din il-Qorti, ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba dan l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti dwar il-veracita` tad-depozizzjoni tar-rikorrenti u tax-xhieda mressqa minnha.

[7] Sent. Pga.10

[8] Ara fost ohrajn, App.S. **Marcus Marshall v. Raymond Aquilina pro et noe**, deciza 6 Frar 2002; App.S **Paul Cassar v. Awtorita` tat-Trasport** , deciza 25 Jannar 2013; App.S. **Emanuel Cardona et v. Dr.Graham Busuttil et** 10 Jannar 1995.

[9] Sent. Pga.11

**20.** Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu ltaqghu meta r-rikorrenti kienet qeghda vakanza f'Malta, u, wara xahar, izzewwgu. Ir-rikorrenti tghid li hi zzewwget lill-intimat ghax riedet il-hajja mizzewwga u ghax riedet tibqa' Malta. Fi kliemha *"zzewwigt biex ikolli ragel, u daqshekk, u nghix Malta."*[10] L-intimat kien jghix bir-*relief*, u hi kienet tahdem b'mod okkazjonali ghall-bzonnijiet tad-dar. Jidher li r-rikorrenti ma kinitx kuntenta fil-hajja konjugali mal-intimat, tant li ohtha Milouda Mangion tghid: *"… jiena kemm-il dabra kont nara lil ohti tibki minhabba f' din il-problema tax-xorb li ghandu Mario."*[11]

**21.** Ir-rikorrenti u x-xhieda taghha jsostnu li hi kienet telqet mid-dar minhabba argument li kellha ma' zewgha Mario dwar il-kelba, u li ma kienx minnu li r-rikorrenti kienet abbandunat id-dar konjugali. Izda l-provi juru mod iehor.

**22.** Fit-8 ta' Jannar 2009 meta l-pulizija mis-sezzjoni tal-immigrazzjoni ghamlet spezzjoni ghal gharrieda fid-dar tal-imsemmija Milouda Mangion, dawn sabu hemm ukoll lir-rikorrenti fil-kamra tas-sodda fejn din kellha l-affarijiet taghha. Fuq domandi tal-pulizija, ir-rikorrenti inizjalment qaltilhom li kienet biss habiba ta' Milouda, izda sussegwentement ammettiet li kienet ohtha. Ukoll, inizjalment kienet qalet lill-pulizija li hi kienet hemm "xi granet", izda wara li l-pulizija kkuntatjaw bit-telefon lil zewgha Mario Farrugia, hija ammettiet mal-pulizija li kienet ilha tghix ghand ohtha tliet gimghat.

**23.** Fit-8 ta' Marzu u fis-16 ta' Lulju 2010 il-pulizija ghamlu spezzjoni ghal gharrieda fid-dar matrimonjali tal-partijiet, izda hemm kienu sabu biss lil zewgha Mario Farrugia, u ma kienx hemm affarijiet u hwejjeg tan-nisa. Mario Farrugia kien qallhom li martu kienet ilha tliet xhur li telqet mid-dar matrimonjali, u marret tghix ghand ohtha.

**24.** Inoltre, tezisti inkonsistenza fix-xhieda mressqa mir-rikorrenti dwar iz-zmien li din kienet ilha tghix ghand ohtha. Filwaqt li fl-affidavit taghha tat-12 ta' April 2011,

[10] Fol.63
[11] Aff.35

Milouda Mangion qalet li, meta inqala' l-incident tal-kelb, bejn il-partijiet, ir-rikorrenti kienet telqet mid-dar matrimonjali u marret toqghod ghandha *"xi ghaxart ijiem"*[12], Mario Farrugia, fl-affidavit[13] tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu [14] quddiem l-ewwel Qorti, jghid li l-kelba kien nehhiha l-ghada u r-rikorrenti rritornat fid-dar matrimonjali *"l-ghada".*

**25.** Inkonsistenza ohra lampanti, tikkoncerna l-fatt jekk ir-rikorrenti kinitx torqod ghand ohtha. Milouda Mangion fl-affidavit taghha rilaxxjat fit-12 ta' April 2011 tghid espressament hekk:

"<u>Nippreciza</u> pero' li Saadia <u>qatt</u> ma baqghet ghandi mal-lejl u dejjem marret torqod id-dar taghha. Fil-fatt li kieku riedet ma setghetx ghaliex kelli wisq nies[15] ghandi d-dar."[16]

**26.** Izda fl-affidavit sussegwenti taghha tat-3 ta' Novembru 2011, ghalkemm huwa fil-maggor parti ripetittiv tal-affidavit li kienet ghamlet precedentement ma semmiet xejn dwar dan, u cioe` ma regghetx hasset li ghandha terga' tippreciza l-fatt minnha allegat. Fix-xhieda taghha *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti, kemm Mario Farrugia[17], kif ukoll Milouda kienu qalu li r-rikorrenti gieli raqdet ghand ohtha. Din tal-ahhar tghid: *"… ahna normali li ohti tigi jumejn ghandi torqod…"*[18]

**27.** Mill-banda l-ohra x-xhieda tal-pulizija dwar l-ispezzjonijiet li kienu saru ghal arrieda, kienu konsistenti. Jirrizulta li fit-8 ta' Jannar ir-rikorrenti kienet qeghda tghix ghand ohtha, u li kienet ilha tghix hemm circa tliet gimghat. Fl-ispezzjonijiet sussegwenti li saru fit-8 ta' Marzu u fis-16 ta' Lulju 2010 jirrizulta li r-rikorrenti ma kinitx qed tghix fid-dar matrimonjali, u li zewgha kien qal lill-pulizija li martu kienet ilha tliet xhur li telqet mid-dar.

---

[12] Aff. Fol.27
[13] Fol.37
[14] Fol.38
[15] F'dak iz-zmien ix-xhud qalet li kienu qed joqoghdu maghha qrabatha li gew minn barra.
[16] Fol.27
[17] Dep. Fol.38
[18] Dep..Fol. 44

**28.** **I**l-kwadru tal-fatti li rrizulta dwar dan l-aspett tal-kawza hu li r-rikorrenti ma kinitx qieghda tghix ma' zewgha fid-dar konjugali, almenu ghal perjodu ta' erba' xhur, kif ukoll li dan ma kienx rizultat ta' xi litigju izolat, izda kien dovut ghall-fatt li r-rikorrenti kienet separata *de facto* minn ma' zewgha ghal dan il-perjodu.

**29.** F'dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel Qorti kellha ragun li tasal ghall-konkluzjoni li meta harget ir-*removal order* fit-18 Awwissu 2010 il-konvivenza matrimonjali kienet spiccat, u ghalhekk ir-raguni li ghaliha r-rikorrenti kienet inghatat l-*exempt person status* fit-termini tal-Artikolu 4[1][g] tal-Kap. 217, u cioe` l-ezistenza ta' hajja familjari, ma kinitx ghada tezisti. Ghalhekk ukoll, l-agir tad-Direttur intimat kien fit-termini tal-ligi meta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5[2][g] tal-istess kap huwa rrevoka l-permess moghti bis-sahha tal-Artikolu 4 fuq citat.

*It-tieni aggaravju*

**30.** Dan hu fis-sens li l-mizura addottata mid-Direttur intimat mhijiex gustifikata fic-cirkostanzi tal-kaz u hija sproporzjonata meta mqabbla mal-ghan tal-ligi. *In stricto sensu*, galadarba ma rrizultax li fiz-zmien li nharget ir-*removal order*, kien hemm hajja familjari bejn il-partijiet, dan l-aggravju huwa relevanti biss inkwantu jirrigwarda l-hajja privata tal-rikorrenti, dritt iehor kawtelat bl-artikolu konvenzjonali in dizamina.

**31.** Fl-ewwel lok, jigi osservat li jirrizulta li l-indhil tal-iStat f'dan il-kaz kien wiehed legittimu, bazat fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 5[g] tal-Kap. 217 ghall-fatti tal-kaz hekk kif spiccat il-bazi fattwali ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap.

**32.** Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li hi kienet ilha tghix Malta ghal diversi snin, li kienet ilha biss tliet xhur separata *de facto* minn ma' zewgha, u li hi kienet tiehu hsieb zewgha li ghandu dizabilita` fizika, kif ukoll li hi integrat pjenament fis-socjeta` Maltija, jirrendu l-mizura li ttiehdet fil-konfront taghha bhala wahda sproporzjonata.

**33.** Fir-rigward din il-Qorti tosserva li d-durata tas-soggjorn taghha f’Malta u l-integrazzjoni taghha fis-socjeta` Maltija ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni li allura hi ghandha d-dritt li tibqa’ tghix Malta. Dan peress li l-permess moghti lilha biex tibqa’ Malta ma kellux bhala bazi tieghu l-perjodu li r-rikorrenti ghamlet Malta izda l-fatt li hi kienet qed tghix ma’ zewgha, cittadin Malti, fid-dar matrimonjali.

**34.** Inoltre, jigi osservat li ma tressqux provi fis-sens li r-rikorrenti, cittadina Marokkina, kienet ser issofri hsara fizika jew psikologika, jekk hija tmur lura l-Marokk. Fl-ewwel lok ghax ma jirrizultax li f’dan il-pajjiz hemm inkwiet politiku jew socjali li jista’ jippregudika l-kolumita` taghha. Fit-tieni lok, ghax mill-provi jirrizulta li f’dak il-pajjiz ghad hemm jghixu l-familjari taghha, inkluzi l-genituri taghha li maghhom ir-rikorrenti kienet tghix qabel ma giet Malta. Fit-tielet lok, lanqas jirrizulta provat li jekk tmur lura pajjizha hija ser tidhol f’certu livell ta’ poverta`. Anzi, il-provi fir-rigward juru l-kuntrarju, ghax kif qalet hija stess fix-xhieda taghha hija ghandha s-sengha ta’ hajjatha li kienet tezercita fil-Marokk qabel ma giet Malta, u hemmhekk hija kellha hafna xoghol. Fir-raba’ lok, qabel ma giet Malta, ir-rikorrenti kellha certu eta`, tant li wara xahar f’Malta zzewwget, u ghalhekk il-hajja fil-Marokk, fejn hi kienet diga’ dahlet fid-dinja tax-xoghol, mhix gdida jew aljena ghaliha, b’mod li din ser issofri xi trawma kulturali jekk terga’ tmur tghix hemmhekk. Dan kollu gie ammess u kkonfermat mill-istess rikorrenti fejn fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha tghid:

“Illi l-esponenti ma kellha l-ebda raguni valida ghaliex kellha titlaq minn pajjizha u cioe’ il-Marokk ghaliex bhal ma qalet hija stess, il-Marokk kienet tahdem bhala hajjata u kellha ammont ta’ xoghol sostanzjali. Jinghad ukoll li f’pajjizha ghad hemm il-kumplament tal-familja tghix, hemmhekk ghajr ohtha li tghix Malta.”[19]

---

[19] Fol.106

**35.** Barra minnhekk, hija gratuwita l-asserzjoni maghmula mir-rikorrenti li jekk hi "tigi deportata minn Malta hija ser tigi mcahhda totalment milli tghix flimkien mar-ragel taghha u dan ghaliex hija prattikament impossibbi illi r-ragel taghha jmur jghix gewwa l-Marokk peress li huwa pesuna b'dizabilita` u anke jkollu bzonn ta' trattament mediku." Jigi osservat li [1] mill-provi jirrizulta li l-partijiet huma *de facto* separati; [2] ma tressqux provi li juru li Mario Farrugia ghandu bzonn ta' trattament mediku spejcali; u [3] anke jekk fl-affermattiv, ma jirrizultax li dan it-trattament mediku ma jistax jinghata fil-Marokk.

**36.** Ferm il-premess, din il-Qorti, taqbel mal-ewwel Qorti li l-mizura addottata fil-konfront tar-rikorrenti mill-intimat Direttur, apparti illi hi fil-parametri tal-ligi, ma tiddisturbax il-bilanc gust li jezisti bejn l-interess tas-socjeta` tal-iStat Malti li jirregola d-dhul u r-residenza f'Malta ta' persuni barranin, kif ukoll it-tkeccija minn Malta ta' immigranti illegali, mal-htiega li jigu protetti d-dritt tal-hajja privata u tal-familja ta' persuni li jkunu f'Malta.

**37.** Fl-ahharnett, b'referenza ghad-dikjarazzjoni ffirmata minn Mario Farrugia f'wahda mill-ispezzjonjiet li saru fid-dar fejn kien joqghod, din il-Qorti tosserva li dan l-element ta' prova, li dwar il-kontenut tieghu l-ewwel Qorti esprimiet ir-rizervi taghha, u li inizjalment kien jikkostitwixxi prova dokumentali ghat-terminazzjoni tal-konvivenza matrimonjali tal-partijiet, ma tinnewtrallizzax il-konkluzjoni li wasslet ghaliha l-ewwel Qorti, u konfermata minn din il-Qorti f'dan il-gudizzju. Dan ghaliex il-fatt li fiz-zmien li l-awtoritajiet hadu passi sabiex ir-rikorrenti tigi rimossa minn dawn il-Gzejjer il-konvivenza matrimonjali kienet spiccat, jirrizulta minn provi ohra li flimkien jsostnu t-tezi tal-intimati. Ghalhekk ir-rizervi espressi mill-ewwel Qorti fuq dan id-dokument ma jistghux validament ikunu ta' xi konfort ghat-tezi tar-rikorrenti, u ma jinnewtralizzawx il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

**38.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

**39.** Dan hu fis-sens li l-mizura tar-*removal order* mahruga fil-konfront taghha tikkostitwixxi trattament inuman u degradanti.

**40.** Fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropeja identifikat is-segwenti principji li gew elenkati fil-kaz *Q.Kos***. Jovica Kolacovic v. Attorney General**[20]**:**

*"14.1 that in the court's assessment of the minimum level of severity account must be taken of all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and in some cases the sex, age and state of health of the victim; that treatment qualifies as "inhuman" if, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering; that treatment qualifies as "degrading" if it was such as to arouse in the victim feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him; also, regard is had as to whether the object was to humiliate and debase the person concerned, as to adversely effect his/her personality in a manner incompatible with Art. 3; that "in order for a punishment or treatment associated with it be 'inhuman' or 'degrading' the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment [***Ramirez Sanchez Case*** *para.118-119]".*

**41.** Applikat il-premess ghal kaz odjern, jirrizulta ferm ovvju li f'dan il-kaz ma jezistux l-estremi li jwasslu ghall-konfigurazzjoni ta' trattament inuman jew degradanti. Ir-rimozzjoni tar-rikorrenti minn dawn il-Gzejjer hija biss rizultat tal-fatt li l-partijiet huma separati *de facto*, u li ghalhekk il-bazi fattwali ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 4[g] tal-imsemmi kap m'ghadhiex tezisti. Jirrizulta car li f'dan il-kaz hija mankanti l-intenzjoni jew l-iskop li tigi umiljata r-rikorrenti, jew li din ser issofri *"intense physical jew mental suffering".*

---

[20] Appl. 50/2011 – deciza 12 Novembru 2012; ara ukoll *App.S.***Raymond Caruana v. L-Avukat Generali** , deciza 25 Ottubru 2013

**42.** Ukoll, ma rrizultax li fil-Marokk is-sitwazzjoni politika u socjali hija tali li tpoggi f'riskju l-hajja tar-rikorrenti. Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Dilek Sahan et v. Il-Ministru tal-Gustizzja[21].**

"L-eżami li teħtieġ tagħmel il-Qorti sabiex tikkonstata jkunx hemm ir-riskju msemmi jrid ikun wieħed rigoruż iżda fil-prinċipju spetta lill-persuna konċernata li tipprova li tkun ser tirrinfaċċja dak ir-riskju fil-pajjiż fejn tkun ser tintbagħat.".

**43.** Din il-prova hija lampantament mankanti f'dan il-kaz. Apparti minn hekk hu fatt notorju li fil-prezent ma hemmx instabbilita` politika fil-Marokk li jista' jpoggi f'riskju l-kolumita` tar-rikorrenti.

**44.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat.

## Decide

Ghaldaqstant tichad l-appell, bl-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jkunu kollha a karigu tar-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] Deciza 22 Frar 2013